MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-18 ta' April, 2005

Numru 298/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa)**

**Vs**

Lydon Laudi
Oualid Laouini
Clint Magri

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputati Lydon Laudi, Oualid Laouini u Clint Magri ta' karta ta' identita' rispettiva numru 212985(M), 22112(A), 425582(M), akkuzati:

a) fil-konfront tal-imputati kollha, talli:

Nhar il-Hadd 20 ta' Marzu 2005 ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofs inhar, f'Ta' Qali, iffalsifika jew biddlu,

minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija, jew, xjentement, ghamlu uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement qeghedu fic-cirkolazzjoni, bieghu jew zammu ghandhom ghall-bejgh jew importaw ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe' 382 compact discs konsistenti f'DVDs, Playstation software, PC software u CDs tal-muzika;

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghal qligh, jew bi skop ta' kummerc, stampaw, immanifatturaw, idduplikaw jew mod iehor irriproducew jew ikkopjaw jew bieghu, qassmu, jew mod iehor offrew ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha u cioe' 382 compact discs konsistenti f'DVDs, Playstation software, PC software u CDs tal-muzika;

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghal qligh, jew ghat-tqassim, jew ghall-wiri f'post pubbliku jew f'post accessibbli ghall-pubbliku, immanifatturaw, stampaw jew xort'ohra ghamlu, jew dahhlu f'Malta, jew akkwistaw, zammew, iccirkolaw jew esportaw xi stampat, tpingija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oggett iehor, ikun li jkun, pornografiku jew oxxen, kemm jekk jixbah lil dawn ta' hawn fuq kemm jekk le, ukoll jekk dak in-negozju sar bil-mohbi;

b) fil-konfront tal-imputati Lydon Laudi u Oualid Laouini , talli:

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-Ispettur tal-Pulizija Angelo Gafa', persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ma obdewx l-ordnijiet legittimi ta’l-awtorita’ jew ta’ wiehed li kien inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallejtuhx jew fixkiltuh waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru, billi ma hallewx lil haddiehor dak li b’ligi kien ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi b’mod li jkun;

Rat in-nota tal-Avukat Generali ssabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet lit-tlett imputati jammettu l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom fl-liema ammissjoni insistew anka wara li l-Qorti taghthom zmien jirrikonsidraw.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputati kollha titratta l-frodi kummercjali waqt li l-imputati Laudi u Laouini flimkien huma akkuzati wkoll ta’ attakk u rezistenza kontra membri tal-korp tal-Pulizija u bl-offiza kontravenzjonali li ma obdewx l-ordnijiet tal-Pulizija.

Mill-istqarijiet rispettivi taghhom abbinati mill-ammissjonijiet l-akkuzi jirrisultaw pruvati.

Rat il-fedini penali rispettivi taghhom, evalwat ic-cirkostanzi ta’ kull wiehed mill-imputati, rat l-Artikolu 298(1)(a)(f), 298B, 208(1), 96 u 338(ee) u tikkundannahom:

1. Lill-imputat Lydon Laudi ghall-multa komplessiva ta’ Lm250.
2. Lill-imputat Clint Magri ghall-multa komplessiva ta’ Lm100.
3. Lill-Oualid Laouni li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta’ sentejn mill-lum.

Wara li semghet lill-imputati Laudi u Magri jitolbu zmien ghall-hlas tal-multa, wara li rat l-Artikolu 14 tal-Kap 9 tikkundannahom li jhallsu l-istess multa b'pagamenti rispettivi ta' Lm20 u Lm10 fix-xahar bl-ewwel pagament kwantu ghall-imputat Lydon fl-ahhar ta' Mejju ta' din is-sena u kwantu ghall-imputat Magri bl-ewwel pagament fl-ahhar ta' April ta' din is-sena; ghal bqija b'pagamenti successivi u ininterotti u bid-dekadenza taz-zmien fin-nuqqas ta' anka pagament wiehed altrimenti konvertibbli f'sitt xhur u tlett xhur prigunerija rispettivament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------